# Il-Milied

*Ta'* G. STEVENS

IL-MILIED! L-isem biss hu biżżejjed biex inissel fina ferħ kbir u tamiet ġodda ta' sliem u hena. Donnok mingħajr ma trid ma li taqra jew tisma' l-kelma "Milied" tħoss fik fawra ta' hena li qisha ttik ħjiel ta' l-hena qaddis li jsaltan fis-Sema.

Għaliex dil-kelma "Milied" għandha setgħa hekk qawwija biex tqajjem fina tqanqiliet hekk kbar?! Għaliex il-kelma "Milied" tfakkarna fi ġrajja divina, ġrajja ta' fidwa għalina l-bnedmin. U kważi l-ġnus kollha għarfu t-tifsira ta' din il-ġrajja, u għalhekk ma' l-erbat irjieħ tad-dinja l-festa tal-Milied hija meqjuma b'heġġa u fidi qawwija. Tolqtok u tgħaxxqek id-dehra tan-nies fil-knejjes b'għadd kbir miġbura tagħti qima u tiżżi ħajr lil Ġesù f'Jum Twelidu. U fuq wiċċ kulħadd taqra l-imħabba, il-għożża li għandu l-bniedem għal din il-festa, għax jemmen fil-kobor ta' tifsiritha.

Fid-djar jimraħ il-ferħ, għaliex il-festa tal-Milied hija l-festa tad-djar, il-festa tal-familji. Imżejna jkunu d-djar bi lwien imżewqa u dwal mhux tas-soltu. F'ħafna minnhom ma tarax tiżjin ta' lussu għax fihom ikun hemm imkenna familji foqra; imma wkoll fi djar ta' nies imċaħħda mill-ħtieġiet tal-ħajja rari biex ma jkunx hemm xi bambin żgħir b'xemgħa quddiemu. U dan it-tiżjin fqajjar jixhed il-fidi, it-twemmin tal-bniedem fil-miġja ta' Kristu f'din id-dinja u s-siwi ta' din il-ġrajja.

Il-festa tal-Milied nistgħu ngħidu li hija l-festa tat-tfal ukoll. Arahom lit-tfal dak in-nhar b'wiċċhom imdawwal bil-ferħ u fuq fommhom it-tbissima ħelwa ta' l-anġli, jitgħaxxqu miġbura madwar xi presepju jew jedhew u jilagħbu bir-rigali li qalgħu. Hienja t-tfal ikunu fil-festa tal-Milied, għax din hija festa marbuta ma' qalbhom, il-festa li jistennew bla sabar.

Fuq kulħadd, fuq għonja u fqar, fuq kbar u żgħar, il-festa tal-Milied tnissel u żżid it-tama u l-hena. Id-dwejjaq u l-għeltijiet donnhom igħibu u jintesew:

Għalxejn tgħaddi mimlija bin-niket
  Fuq il-bniedem il-mewġa tas-snin;
Għalxejn regħba ta' saltna, ta' ħakma,
  Tqajjem l-aħwa biex jaqbdu f'xulxin;



Kif int tersaq, ja lejla xitwija,
  Sa t-tfal tisraq is-siegħa tas-serħ.
  Bla ma jafu l-għaliex, bla ma jridu,
  Sa l-għedewwa tissieħeb fil-ferħ.

F'dawn il-versi l-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm laqat tabilħaqq l-ispirtu tal-Milied. Huwa l-ispirtu li b'setgħa tal-għaġeb igħaqqad il-ħlejjaq qalb waħda u jkattar f'kulħadd it-tama. U f'dan iż-żmien kulħadd irodd ix-xewqat tajba u tħeġġeġ fih l-imħabba.

Fi żmienna l-wasla tal-Milied tqanqal fina tama speċjali, it-tama sabiħa li l-bniedem jeħles mnn gwerra oħra ta' ħsara u qirda, li tidher fuq ix-xefaq u fostna jsaltnu mill-ġdid is-sliem u l-paċi.

---

## DEBHA*

*Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Le, mhux l-imrar u l-ħall li sqewh b'kull ħjiena
Riedet dil-għajta li minn Qalb mimlija
Bl-imħabba nstemgħet, ma fehmux il-ħżiena
Ix-xewqa kbira f'dak il-għatx moħbija.

Għatx ta' l-erwieħ b'dik l-għajta Ġesù wriena,
W intom fhimtuha, żgħażagħ qalbenija,
Taħt is-salib irsaqtu, kollkom ħniena,
Biex tiġbru d-Demm u ssaqqu l-art mifdija.

Ġerusalemm il-ġdida hienja semgħet
Kelma minn fommkom, kull ħajr niżel fuqkom
Xħin din kelmitkom lejn is-sema telgħet.

Il-lum f'riġlejn il-midbaħ, fl-art mixħuta,
Fl-hena ta' ruħkom intemmet xewqitkom:
Qalbkom ma' Qalb Ġesù saret marbuta.

* F'jum il-wegħdiet solenni.